MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-8 ta' Mejju, 2007

Numru 1139/2005

Il-Pulizija
(Sp Kevin Borg)
vs
Josephine Farrugia, bint Emanuel Inguanez, imwielda Birżebbuġia fit-23 ta’ novembru, 1960

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputata talli fl-14 ta’ diċembru, 2005 u fil-ġranet ta’ qabel ġewwa l-ħanut bl-isem ta’ ‘Rental Point’, Triq is-Sibbien, Marsascala f’dawn il-Gżejjer b’diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b’risoluzzjoni waħda –

1. xjentement qegħdet fiċ-ċirkolazzjoni, biegħet jew zammet għal bejgħ, jew importat għal ħsieb ta’ kummerċ, merkanzija b’marka, sinjal jew emblema mxebbħin b’qerq u cioe’ DVDs;

2. bi qliegħ jew bi skop ta’ kummerċ, stampat, immanifatturat, idduplikat jew mod ieħor ipproduċiet jew ikkupjat jew biegħet, qassamet jew mod ieħor offriet għal bejgħ jew biex tqassam xi artikolu jew xi ħaġa oħra u cioe’ DVDs, bi ksur tal-jeddijiet li joħorġu mid-drittijiet ta’ l-awtur li jkollha persuna oħra u cioe’ ‘Twentieth Century Fox Film Corporation’ u soċjetajiet oħra, li tagħhom Patrick J. Galea Advocates, rappresentata mill-Avukat Dr. Patrick Galea, hi rappresentanti, protetti bil jew taħt il-liġi ta’ Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex skond id-diskrezzjoni tagħha, f’każ ta’ ħtija, tħassar il-liċenzja jew inkella tissospendi tali liċenzja għal xi żmien, hekk kif kontemplati fl-artikolu 31 tal-Kapitolu 441 tal-Liġijiet ta’ Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex jekk ikun il-każ, f’każ ta’ ħtija, barra li tinfliġġi l-pieni stability mill-liġi, tordna l-konfiska tal-oġġetti kollha eżebiti. Kif ukoll jekk ikun il-każ, tikkundanna lil Josephine Farrugia għal ħlas ta’ spejjeż li jkollhom x’jaqsmu mal-ħatra ta’ esperti jew periti fil-proċeduri skond l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tat-8 ta’ mejju, 2007 fejn l-imputata ammettiet l-akkużi miġjuba kontra tagħha.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta’ l-imputata dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputata ħatja tal-akkużi miġjuba kontra tagħha. Rat l-artikoli 298(1)(f) u 298B(1) tal-Kodiċi Kriminali. Ma tikkundannahiex għal piena karċerarja iżda tilliberaha taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta’ Malta bil-kondizzjoni li ma tagħmilx reat ieħor fi żmien sena mil-lum. Tordna d-distruzzjoni tal-oġġetti eżebiti. Fiċ-ċirkostanżi mhemmx lok għall-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------